# *SANTA MARIJA TA' BIR-MIFTUĦ*
## Il-Parroċċa-Matriċi l-Qadima

Din il-Knisja kienet diġa parroċċa fl-1436. Snin wara ġiet fi stat li taqa' u għalhekk fl-1768 irranġawha bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Ġużepp Saliba minn Ħal-Luqa. Fiż-żmien din il-knisja kellha seba' artali iżda meta ċekknuha ma kien baqgħalha wieħed. Fl-1830, il-Markiża Eliżabetta Muscat Cassia Dorell irranġat bi flusha din il-knisja. Il-kwadru ewlieni pinġut fuq l-injam hu ta' mertu kbir.

Mill-knisja ta' Bir-Miftuħ kien insteraq is-Sagru Pissidi. Araw kif kienet il-ġrajja.

Mal-lejl ta' Jannar 1663, ġiet miftuħa l-knisja u minnha insterqu bosta oġġetti, fosthom is-Sagru Pissidi, bl-Ostji konsagrati. L-Isqof Balaguer u l-Gran Mastru Cottoner minnufih ġabru l-kunsill tal-Parroċċi u s-superjuri regolari u teologi kollha u fit-28 ta' Jannar ta' l-istessxahar ngħatat l-iskomunika għal dak is-sagrileġġ kbir bħala sinjal ta' delitt. Fi Frar ta' wara l-Pissidi nstab fil-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta, iżda mingħajr l-Ostji Sagri. Hawn kien il-bidu ta' l-ewwel sagrileġġ. Żmien wara ġara l-istess fil-knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla.

Mal-ġenb tal-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ fiż-żmien kien hemm tnejn oħra imissu magħħa dedikati lin-Nativita' u l-oħra lil Santa Marija. Fid-9 ta' April 1942, din il-Knisja ġarrbet ħsara kbira bil-bombi meta nofs is-saqaf waqa' iżda ġie msewwi tajjeb ħafna. Matul it-tiswija il-ħaddiema kixfu traċċi tal-pittura oriġinali. Din il-pittura riedet tiġi restawrata u bir-rieda tajba dan kollu sar bis-saħħa tal-aqda "Din L-Art Ħelwa", u ġiet inawgurata mill-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigieg nhar il-Ħadd 23 ta' April 1980. Bit-tħabrik u l-ħeġġa kbira li wrew il-ħaddiemna fuq ix-xogħol, kixfu bil-għaqal kollu l-lok ta' l-ewwel knisja. Dan kollu sar fi żmien il-Kappillan Dun Anton Rapa.

